MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 963/2012

**Annunziata *sive* Nancy Cassar**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2012 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bin-numru sebgħa sebgħa sebgħa tnejn (7772) tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (1952), anness u mmarkat "Dokument A" l-isem, fil-kolonna *"isem it-tifel jew tifla"*, isem ir-rikorrenti jidher bħala *"Annunziata"*.

Illi minn meta twieldet ir-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' *"Nancy"* u konsistentement kienet imsejħa u

magħrufa bih, u dan kif ser jirriżulta mill-provi u waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-familjari u ħbieb tal-istess rikorrenti kollha jafuha bl-isem ta' *"Nancy"* u dan kif jidher anki mill-annessi affidavits mmarkati Dokument B, Dokument C, Dokument D, Dokument E, Dokument F u Dokument G;

Illi r-rikorrenti għamlet żmien tgħix l-Awstralja u anki hemmhekk ħadet ħsieb li tbiddel isimha, u dan skond ma jidher mill-anness dokument mmarkat Dokument H, konsistenti fiċ-*change of name registration*;

Illi anki diversi dokumenti juru li r-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bħala Nancy, u dan kif jidher miċ-ċertifikati tal-professjoni tagħha, annessi u mmarkati Dokument I, Dokument J, Dokument K, Dokument L u Dokument M, u kif ukoll minn diversa korrispondenza maħruġa minn Awtoritajiet tal-Awstralja fejn ir-rikorrenti kienet tgħix, annessi u mmarkati Dokument N u Dokument O.

Illi *nonostante* dak li ngħad fil-premessa proċedenti, l-att tat-twelid tar-rikorrenti juri l-isem *"Annunzjata"*;

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti għandha interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement magħrufa huwa "Nancy" u mhux *"Annunzjata"*;

2. Tordna sabiex jiġi korrett ċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dokument A minnu maħruġ, bin-numru

sebgħa sebgħa tnejn (7772) tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin fis-sens illi fil-kolonna intestata *"isem it-tifla jew tifel"* l-isem *"Annunzjata"* jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem *"Nancy"*;

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv tal-istess rikorrenti, u ċjoe' l-att taż-żwieġ u kif ukoll kull att ieħor li jenħtieġ tali korrezzjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-12 ta' Ottubru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Paul Scicluna, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* (hawn anness u mmarkat bħala Dok AC1) u kienu anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tat-28 ta' Novembru 2012 fejn il-kawża tħalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili, kif ukoll *ai termini* tal-Artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-pubblikazzjoni skond l-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attriċi dejjem issejħet ***Nancy***. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u allura m'għandux ibati spejjeż. Il-Qorti pero' ma tistax tilqa' t-tielet talba minħabba li ma ġewx indikati l-atti li l-attriċi qed titlob li ssir korrezzjoni fihom.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, tiċħad it-tielet talba kif hawn fuq ingħad.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------